IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Mejju 2017
39/2017

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN ĠUŻEPP, IL-KALKARA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Brian Gianlanzè bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Kalkara.

Dun Brian Gianlanzè twieled fit-30 ta' Jannar 1974. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa, l-edukazzjoni sekondarja fil-Liceo Vassalli, Tal-Ħandaq, u kompla jistudja fil-Pre-Vocational School Health Care u fl-Istitut għall-Kura tas-Saħħa. Kompla bl-edukazzjoni terzjarja fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta, fejn studja wkoll it-Teoloġija Pastorali.

Dun Brian ġie ordnat saċerdot fl-1 ta' Lulju 2014. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala djaknu fil-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, fejn serva għal sena. Fl-2015 beda jservi bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi. Dun Brian iservi wkoll bħala *chaplain* fil-Kulleġġ San Injazju, Tal-Ħandaq.

Il-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Kalkara, tiġbor fiha madwar 3,010 persuna f'1,000 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**